MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-14 ta' Settembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 107/2021LM

**Giselle Borg Olivier**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Jonathan James Borg**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Jonathan James Borg (K.I. 198086M)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tal-15 ta' Diċembru, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet kollha tal-konvenut fir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2021 u

laqgħet limitatament it-talba tal-attriċi billi kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma kumplessiva ta' erbatax-il elf u erba' mitt Euro (€14,400), bl-imgħax mis-17 t'Awwissu, 2021.

**Fatti**

2. Fir-rikors tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, l-attriċi talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha is-somma ta' erbatax-il elf u erba' mitt Euro (€14,400) rappreżentanti self *brevi manu* magħmul minnha fuq talba tal-konvenut stess, permezz ta' erba' pagamenti li saru bejn l-1 ta' Novembru, 2019 u l-14 ta' Novembru, 2020, li baqgħu ma tħallsux lill-attriċi minkejja t-talbiet ripetuti tagħha. Il-konvenut ġie interpellat iħallas din is-somma permezz ta' żewġ ittri legali datati d-29 ta' Marzu, 2021 u d-9 ta' April, 2021, iżda huwa baqa' inadempjenti.

3. Flimkien mar-rikors tagħha, l-attriċi ppreżentat kopja ta' prospett tad-dejn, minn fejn jirriżulta li fl-1 ta' Novembru, 2019, hija kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' €5,000; fit-28 ta' Marzu, 2020, l-attriċi kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' €4,000; fis-26 ta' Ġunju, 2020, l-attriċi kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' €3,200 u fl-14 ta' Novembru, 2020, l-attriċi kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' €2,200. Ġew ippreżentati wkoll kopji tal-ittri legali li l-attriċi bagħtet lill-konvenut sabiex dan jersaq għall-ħlas.

4. Fix-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, l-attriċi spjegat li l-konvenut kien ħabib tagħha, u hija sellfitu xi flus minħabba f'kawżi kriminali li huwa kellu. Qalet li s-self sar f'erba' partijiet. L-avukat difensur tal-attriċi spjega lill-Ewwel

Qorti li l-konvenut kellu għadd ta' kawżi kriminali, li minħabba fihom l-assi tiegħu ġew iffriżati, u kien għalhekk li huwa talab lill-attriċi ssellfu xi flus.

5. Il-ġenituri tal-konvenut, **Maria Anne sive Marion Borg** u **Henry Borg,** fl-*affidavits* tagħhom it-tnejn xehdu li l-konvenut ma jgħix fl-indirizz fejn jirrisjedu huma, u huma ma rċevew ebda karti indirizzati lil binhom mill-Qrati Maltin f'Awwissu tal-2021.

6. Il-konvenut deher quddiem l-Ewwel Qorti waqt l-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2021, u ddikjara li kien jaf bil-proċeduri odjerni u f'Settembru kien avviċina lill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali sabiex ikun jista' jiddefendi ruħhu. Waqt dik l-udjenza l-konvenut qal li l-proċess sabiex jingħata appuntament dwar din il-kawża ħa żmien aktar milli kien mistenni, u kien ingħata appuntament għall-għada, it-28 ta' Ottubru, 2021.

7. Mill-atti jirriżulta li l-attriċi ppreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut, fejn indikat lill-ġenituri tiegħu bħala sekwestratarji, liema mandat ġie akkordat fit-28 ta' April, 2021.

8. Il-konvenut fix-xhieda tiegħu qal li l-passaport u l-karta tal-identità tiegħu huma miżmuma mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minħabba fi proċeduri kriminali kontra tiegħu. Qal ukoll li huwa ma jgħix fid-dar mal-ġenituri tiegħu, iżda f'appartament Ħaż-Żebbuġ, u l-kera ta' dan l-appartament titħallas direttament lis-sid minn ommu.

## Is-Sentenza Appellata

9. Permezz tad-deċiżjoni tal-15 ta' Diċembru, 2021, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet imressqa mill-konvenut fir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2021, filwaqt li laqgħet limitatament it-talbiet tal-attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf u erba' mitt euro (€14,400) bl-imgħax mis-17 t'Awwissu, 2021, sad-data tal-effettiv pagament, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*Ir-Rikors tal-Konvenut tat-18 ta' Novembru, 2021*

11. *Qabel ma din il-Qorti ser tikkunsidra dan ir-rikors, tajjeb li jsir riassunt ta' dak li seħħ waqt is-seduta ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2021, skont anke l-verbal tal-istess seduta.*

(i) *Dakinhar dehret l-attriċi assistita mill-avukat difensur tagħha u deher il-konvenut li informa lill-Qorti li hu "*mar ifittex l-għajnuna tal-Aġenzija Legali f'Settembru 2021, però sakemm għadda l-proċess tal-Aġenzija tawh appuntament ma' avukat għal nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru, u wera d-dokument relattiv tal-appuntament lill-Qorti." (*fn. 1 ara l-verbal a fol. 10 tal-proċess). Kopja ta' dan id-dokument tinsab esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri. (fn. 2 ara fol. 12 tal-proċess)*

(ii) *Dakinhar il-Qorti tat dan id-digriet:*

"Il-Qorti tirrileva li kif issottometta l-avukat difensur tal-attriċi, kieku l-konvenut mar għand l-Aġenzija meta irċieva l-Avviż, ċertament li sal-lum l-Aġenzija kienet tieħu deċiżjoni jekk il-konvenut kellux jibbenefika mill-għajnuna legali jew le għall-fini ta' dawn il-proċeduri, u mhux jingħata appuntament proprju għada. Fil-fatt mid-dokument esebit jirriżulta li l-aġenzija qed titlob kopja ta' kull kont bankarju tal-konvenut bejn Ottubru 2020 u Ottubru 2021, li jindika bl-iktar mod ċar li l-konvenut mar għand l-aġenzija biss fix-xahar ta' Ottubru. Illi in oltre d-dokument esebit mill-konvenut bl-ebda mod ma jindika li l-appuntament illi jidher għandu mal-aġenzija tal-għajnuna legali jirrigwarda l-proċeduri odjerni. Għalhekk il-Qorti tordna li l-kawża titkompla."

(iii) *Fl-istess seduta l-Qorti semgħet il-provi tal-attriċi u peress li l-konvenut iddikjara li dakinhar ma kellux provi x'jipproduċi, qabel ikellem avukat, il-Qorti ddikjarat il-*

*provi tiegħu magħluqa, stante li l-konvenut kellu kull opportunità jingaġġa avukat, anke jekk tal-għajnuna legali qabel din is-seduta. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attriċi, stante li l-konvenut għażel li ma jagħmilx sottomissjonijiet mingħajr assistenza legali, u iddiferiet il-kawża għas-sentenza għall-25 ta' Novembru, 2021.*

12. *Fit-18 ta' Novembru, 2021, il-konvenut ippreżenta rikors, fejn* inter alia *ippremetta hekk:*

    "Illi l-esponenti attwalment jinsab fi stat ta' kontumaċja, u l-kawża fl-ismijiet premessi tinsab differita għas-sentenza għall-25 ta' Novembru, 2021. ... ...

    Illi l-esponenti għandu kull interess li jikkontesta t-talba avvanzata fil-konfront tiegħu, u in oltre, qiegħed hawn jannetti żewġ affidavits tal-ġenituri tiegħu annessi bħala Dokument A, li huma ma rċevewx atti għan-nom tal-esponenti.

    Illi l-esponenti dakinhar tas-27 ta' Ottubru, 2021 attenda l-Qorti fuq kawża oħra, kif fil-fatt ikkonfermat mill-anness riferta hawn annessa u mmarkata bħala Dokument B, u sar jaf bil-kawża odjerna peress li sema' ismu jiġi msejjaħ.

    Illi ... għalhekk l-esponenti qiegħed jitlob li jissana l-istat ta' kontumaċja tiegħu, u jiġi akkordat li jintavola risposta."

13. *Fl-affidavit tagħhom, il-ġenituri tal-konvenut Maria Anne sive Marion Borg u Henry Borg jgħidu eżattament l-istess ħaġa: li l-konvenut ilu snin ma jirrisjedi magħhom u li safejn jafu huma ma jiftakrux li qatt irċevew xi karti indirizzati lill-konvenut mill-Qorti f'Awwissu 2021.*

14. *Il-kopja tar-riferta tal-Pulizija esebita ma' dan ir-rikors hija prattikament illeġibbli, għalkemm jidher li kienet għal proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputat. Huwa rilevanti wkoll li d-data oriġinali li saret permezz ta' timbru jew ittajpjata (għax mill-kopja mhux ċar) hija ingassata u minflok hemm miktub bl-idejn "27/10/2021". (fn. 3 ara fol. 22 tal-proċess)*

15. *Il-konvenut xehed viva voce fejn qal li huwa ma kienx jirrisjedi mal-ġenituri tiegħu, iżda kien jirrisjedi ġo fond Ħaż-Żebbuġ, li kien mikri lilu, iżda l-kera kienet titħallas minn ommu. Xehed ukoll li l-karta tal-identità u l-passaport tiegħu kienu esebiti f'kawża kriminali, u ma applikax sabiex ikollu dokument ta' identifikazzjoni ieħor, iżda li ma jistax isiefer bih – kif solitament isir mill-imputati. Xehed ukoll li ma kellux dokument ta' identifikazzjoni fuqu dakinhar tas-seduta. Però kkonferma li fir-Reġistru Elettorali huwa reġistrat fl-indirizz tal-ġenituri tiegħu Ħal Balzan.*

16. *Din il-Qorti hija kemmxejn perplessa b'dan ir-rikors tal-konvenut. Kif jirriżulta mill-verbal, meta l-konvenut deher fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021, huwa fl-ebda*

*ħin ma spjega li huwa kien ġie l-Qorti dakinhar biex jattendi proċeduri oħrajn, u li tfaċċa f'dawn il-proċeduri b'kumbinazzjoni, għax lanqas biss kien jaf bihom – kif kellu kull opportunità li jagħmel. Għall-kuntrarju, dakinhar il-konvenut iddikjara li tant kien jaf bil-proċeduri odjerni, li f'Settembru kien mar għand l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali biex jiġi assenjat avukat biex jassistih f'dawn il-proċeduri, u li però tawh appuntament proprju għall-għada tas-seduta, u addirittura kellu l-karta tal-appuntament fuqu li uriha lil din il-Qorti, u li kopja tagħha tinsab esebita fl-atti.*

17. *Effettivament, fix-xhieda tiegħu, il-konvenut fl-ebda ħin ma qal li ma kienx konsapevoli ta' dawn il-proċeduri, imma sempliċiment bħala fatt huwa ma kienx joqgħod fl-indirizz fejn ġie notifikat bl-att promutur ta' dawn il-proċeduri. Però ma pproduċa l-ebda prova li hu kien joqgħod fl-indirizz li semma fix-xhieda tiegħu, bħal per eżempju għall-inqas il-kuntratt ta' lokazzjoni ta' dan il-fond, sabiex juri li fid-data tan-notifika, u ċioe fis-17 t'Awwissu, 2021, huwa kien diġà qed jikri dan il-fond.*

18. *Inoltre, fix-xhieda tiegħu, il-konvenut ma qal xejn dwar l-appuntament li kellu mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali rigward dawn il-proċeduri, u lanqas ressaq provi biex juri li l-appuntament li kellu mal-Aġenzija fit-28 ta' Ottubru, 2021 kien verament jikkonċerna dawn il-proċeduri. Lanqas ipprova jagħti xi forma ta' spjegazzjoni għalfejn meta deher fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021, huwa ma infurmax lil din il-Qorti li huwa ma kienx jaf b'dawn il-proċeduri, u li daħal biss fl-awla għax sema' ismu jissejjaħ mill-messaġġier.*

19. *Mir-riferta jirriżulta li l-konvenut ġie notifikat fis-17 t'Awwissu, 2021 fl-indirizz tal-ġenituri tiegħu Ħal Balzan, u jidher li kienet ommu Mary Anne Borg li ffirmat l-ittra reġistrata kontenenti r-rikors promutur u l-avviż għas-smigħ. Dan qed jingħad għax in-numru tal-karta tal-identità fl-affidavit ta' Mary Anne Borg huwa identiku għal dak ta' min iffirma l-*pink card *tas-servizz postali reġistrat. In oltre, fl-affidavit tagħha, Mary Anne Borg ma ddikjaratx li l-firma fuq din il-pink card ma kinitx tagħha, minkejja li ddikjarat li sa fejn taf hi ma tiftakarx li rċeviet karti indirizzati għal binha.*

20. *L-attriċi esebiet estratti mir-Reġistru Elettorali ta' April 2020, Ottubru 2020 u Ottubru 2021 minn fejn jirriżulta li isem il-konvenut kif ukoll il-ġenituri tiegħu huma reġistrati fl-istess indirizz, u ċioe dak indikat fl-avviż promutur fejn saret ir-riferta. Dan ġie ukoll ammess mill-konvenut waqt ix-xhieda tiegħu.*

21. *Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li n-notifika tal-konvenut hija waħda valida. Fl-ewwel lok, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova indipendenti li fid-data tan-notifika huwa ma kienx qed jirrisjedi fl-indirizz*

*tal-ġenituri tiegħu, apparti l-affidavits tal-ġenituri tiegħu, li t-tnejn huma kwalifikati bil-kliem "*sa fejn naf jien"*. Fit-tieni lok, hu ġie debitament notifikat fir-residenza li hu ddikjara li qed joqgħod fiha mal-awtoritajiet kompetenti. Jekk għall-grazzja tal-argument biss, hu biddel l-indirizz tar-residenza tiegħu mingħajr ma ħa ħsieb jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti, u l-att ġudizzjarju tħalla f'idejn ommu li aċċettat in-notifika għan-nom tiegħu minkejja li, għall-grazzja tal-argument biss qed jingħad li ma kienx joqgħod f'dik ir-residenza, dan huwa nuqqas imputabbli biss lill-konvenut, u l-attriċi ma taħti xejn ta' dan in-nuqqas, u hija nnotifikatu korrettement fir-residenza fejn huwa reġistrat uffiċjalment bħala resident.*

22. *Fi kwalunkwe każ, jirriżulta ampjament mill-provi, li l-konvenut ġie infurmat minn ommu li irċieva dawn l-atti, tant li kien hu stess li informa lil din il-Qorti li f'Settembru mar għand l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali biex jara jekk hux eliġibbli biex jiġi assenjat avukat tal-għajnuna legali sabiex jippatroċinah f'dawn il-proċeduri, u deher fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2021, preċiżament bl-iskop li jinforma lil din il-Qorti b'dan, tant li ġab miegħu l-avviż tal-appuntament tal-Aġenzija u urieh lill-Qorti.*

23. *Konsegwentement, is-sottomissjoni tal-konvenut fir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2021 li n-notifika tar-rikors promutur hija irritwa hija manifestement infondata.*

24. *F'dan ir-rikors, il-konvenut jgħid ukoll li hu jinsab fi stat ta' kontumaċja. Fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2021, din il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex permezz ta' nota ippreżentata sat-2 ta' Diċembru, 2021 jindika d-disposizzjoni tal-liġi li taħtha qed jitlob lil din il-Qorti tissana l-istat ta' kontumaċja tiegħu, invista tal-fatt li dawn il-proċeduri huma fil-Qrati Inferjuri u mhux fil-Qrati Superjuri. Mill-atti ma jirriżultax li l-konvenut ippreżenta din in-nota kif ordnat minn din il-Qorti.*

25. *Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jikkontempla l-kontumaċja meta l-konvenut ma jippreżentax risposta għar-rikors promutur – a distinzjoni tal-kontumaċja meta l-konvenut ma jidhirx għas-subizzjoni ai termini tal-Artikolu 698 tal-istess Kodiċi – fil-proċeduri quddiem il-Qrati Superjuri biss – ara Artikolu 158, partikolarment subinċiż 10 ta' dan il-Kodiċi. Dan il-Kodiċi ma jippreskrivix terminu entro liema għandha tiġi ppreżentata r-risposta quddiem din il-Qorti għar-rikors promutur. L-unika riferenza għal risposta quddiem din il-Qorti tinsab fl-Artikolu 3(2)(d) tat-Tariffa A tal-istess Kodiċi li tippreskrivi illi:*

"Fil-każ ta' proċeduri sommarji speċjali jew proċedimenti fil-Qorti tal-Maġistrati jew proċedimenti oħra fejn l-att tal-proċedura jiġi preżentat fi-Qorti u mhux fir-reġistru, id-drittijiet għandhom jitħallsu mhux aktar tard mill-ġurnata ta' qabel il-

ġurnata tas-seduta wara li jiġi ppreżentat l-att u jekk ma jsirx dan il-ħlas, dak l-att tal-proċedura jitqies bħala li ma jkunx sar."

26. *Dan ifisser li quddiem din il-Qorti, ir-risposta għar-rikors promutur tista' tiġi ppreżentata anke fl-ewwel seduta,* seduta stante, *sakemm id-drittijiet tar-reġistru jitħallsu mhux aktar tard mill-ġurnata ta' qabel il-ġurnata tas-seduta wara li jiġi ppreżentat l-att.*

27. *Inoltre, l-ebda disposizzjoni tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma tippreskrivi li jekk il-konvenut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jonqos li jippreżenta risposta għar-rikors promotur, huwa għandu jitqies li jaqa' fi stat kontumaċjali, kif l-istess Kodiċi jippreskrivi fl-Artikolu 158(10) fil-każ ta' proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Każ analogu għal dak odjern huwa dak deċiż fis-sentenza* ***Edgar Cuschieri vs Perit Joseph Zammit Bonet*** *deċiż fid-9 ta' Mejju, 1955, (fn. 4 Vol XXXIX-I-187) fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet li l-isfilz tar-risposta tal-appell, ippreżentata wara l-għeluq taż-żmien iffissat mil-liġi, ma jipprekludix lill-parti li naqset tippreżenta risposta fit-terminu legali illi tidher fl-appell u ġġib il-provi, għax b'hekk dik il-parti ma tiddekadix mid-dritt ta' udjenza orali fl-appell.*

28. *Konsegwentement, fi proċeduri quddiem din il-Qorti, in-nuqqas tal-konvenut li jippreżenta risposta sal-ewwel seduta, ma jipprekludiehx milli jidher f'dawn il-proċeduri, iġib provi jew jittratta, b'sottomissjonijiet opportuni, il-każ miġjub kontra tiegħu.*

29. *Fil-fatt, fis-seduta tas-27 t'Ottubru, 2021, din il-Qorti fl-ebda ħin ma ddikjarat li l-konvenut kien fi stat ta' kontumaċja. Kif jirriżulta mill-atti, din il-Qorti tatu l-opportunità li jagħmel il-kontro-eżami tal-attriċi, jipproduċi l-provi kif ukoll li jagħmel is-sottomissjonijiet orali finali. Jekk il-konvenut għażel li ma jużufruwixxix ruħhu minn dawn l-opportunitajiet għax ma kellux assistenza legali, din kienet deċiżjoni tiegħu, u konsegwenza tan-negliġenza tiegħu, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel. Konsegwentement, id-dikjarazzjoni tal-konvenut fir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2021 li "*attwalment jinsab fi stat ta' kontumaċja" *hija legalment skorretta.*

30. *Għal dawn ir-raġunijiet, it-talbiet kontenuti fir-rikors tal-konvenut tat-18 ta' Novembru, 2021 ser jiġu miċħuda.*

31. *In vista ta' din il-konklużjoni, il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-meritu tat-talba attriċi.*

***Il-Meritu***

32. *Mill-provi jirriżulta li l-attriċi u l-konvenut kienu ħbieb u hi sellfet lill-konvenut l-ammont ta' erbatax-il elf u erba' mitt euro (€14,400) li ingħataw lilu f'ammonti żgħar fi flus kontanti f'erba' okkażjonijiet differenti bejn is-sena 2019 u 2020. L-attriċi sellfet dawn il-flus lill-konvenut sabiex tgħinu finanzjarjament, stante li għandu diversi kawżi kriminali pendenti.*

33. *Fl-erba' okkażjonijiet, il-konvenut iffirma li qed jirċievi l-flus li kienu qed jiġu mislufa lilu, però l-attriċi xehdet li n-notebook li fuqu ffirma kien ġie nieqes mill-appartament tagħha. Però hija laħqet ħadet ritratt tal-ewwel faċċata fejn hemm il-firma tiegħu għall-ewwel tliet pagamenti – dawk li saru f'Novembru 2019, Marzu 2020 u Ġunju 2020. Kopja ta' dan ir-ritratt ġiet esebita in atti. Il-firma tiegħu għar-raba' pagament li sar f'Novembru 2020 ma setgħetx tiġi esebita, stante li kif diġà ingħad, in-notebook li fuqu kien iffirma kien ġie nieqes mill-appartament tagħha.*

34. *Għalkemm il-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex iħallas lill-attriċi l-ammont minnu dovut, huwa naqas li jagħmel dan, u konsegwentement ġew intavolati dawn il-proċeduri.*

35. *Il-konvenut ġie notifikat b'dawn il-proċeduri fis-17 t'Awwissu, 2021, però sal-ewwel seduta tas-27 t'Ottubru, 2021, baqa' ma ppreżentax risposta. Huwa deher fis-seduta tas-27 t'Ottubru, 2021, fejn informa lill-Qorti li kien mar ifittex l-għajnuna tal-Aġenzija għall-Għajnuna legali f'Settembru u dawn kienu tawh appuntament ma' avukat għat-28 ta' Ottubru, 2021 – proprju l-għada tas-seduta.*

36. *Kieku l-konvenut mar għand l-Aġenzija meta rċieva l-avviż, ċertament li sad-data tas-seduta kienet tieħu deċiżjoni jekk il-konvenut kellux jibbenefika mill-għajnuna legali jew le għall-fini ta' dawn il-proċeduri. In oltre, mid-dokument esebit mill-konvenut stess jirriżulta li l-Aġenzija qed titlob kopja ta' kull kont bankarju tal-konvenut bejn Ottubru 2020 u Ottubru 2021 li jindika bl-aktar mod ċar li l-konvenut mar għand l-Aġenzija biss fix-xahar ta' Ottubru, u mhux f'Settembru. Inoltre, id-dokument esebit mill-konvenut bl-ebda mod ma jindika li l-appuntament li jidher li kellu mal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali jirrigwarda dawn il-proċeduri.*

37. *Fil-każ* ***Doris Buhagiar vs Malta*** *deċiża fl-20 ta' Jannar, 2000, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet hekk:*

"The Court notes that the domestic courts found on the facts that the applicant received notification of the hearing before the Rent Regulation Board ("the Board"). Indeed, the applicant did not dispute this. The applicant chose not to inquire further into the contents of the communication. She did however

appreciate its official nature. Believing it came from the tax authorities she, as was her confessed wont, tore it up. In these circumstances the Court considers that the applicant, through her negligent behaviour, must be taken to have implicitly waived her right to an adversarial procedure in her dispute with the landlady. Regardless of her illiteracy it was incumbent on her to apprise herself of the content of official documents. This she could have done without much difficulty. It was open to her to seek the assistance of a family member or other third party. It is also to be noted that the applicant had already been put on notice that she faced court proceedings on account of her failure to pay the rent on her home. The applicant has not disputed that she was made aware of that eventuality.

... (T)he fact remains that the communication was served on her in the prescribed form and that reasonable notice was given to her of the date of the hearing to enable her to answer her landlady's application for re-possession. Since she chose to ignore the communication it is not open to the applicant on the facts of the case to impugn from the standpoint of Article 6 §1 that judgment was given against her in absentia."

38. *B'mod analogu fil-każ odjern il-konvenut ġie notifikat bl-avviż f'Awwissu 2021 u kellu żmien raġonevoli sabiex jipprepara d-difiża tiegħu, anke permezz ta' Aġenzija tal-Għajnuna Legali. Hu kien diġà infurmat b'żewġ ittri bonarji li jekk ma kienx se jħallas l-ammont dovut lill-attriċi kienu se jinfetħu proċeduri ċivili fil-konfront tiegħu. Fl-aħjar ipotesi għalih għażel li jkellem lill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali biss f'Ottubru li għadda, li tatu appuntament, allegatament in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għat-28 ta' Ottubru, 2021 – proprju l-għada tas-seduta. In vista ta' din in-negliġenza tiegħu sabiex jikkontesta t-talba attriċi, din il-qorti ordnat li l-kawża titkompla, minkejja li ma kienx assistit minn avukat, u sussegwentement iddiferiet il-kawża għas-sentenza għas-seduta tal-lum.*

39. *Din il-konklużjoni ta' din il-Qorti ġiet imsaħħa bix-xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-25 ta' Novembru, 2021, u b'dak li ġara, jew aħjar li ma ġarax, f'dik is-seduta. Minkejja li dakinhar hu ġie assistit minn avukat tal-għajnuna legali, lanqas biss għamel tentattiv biex iressaq provi sabiex juri li huwa verament kien mar għand l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali fi żmien utili sabiex jiġi assistit minn avukat tal-għajnuna legali f'dawn il-proċeduri, u li ma kienx tort tiegħu li l-Aġenzija damet biex ipproċessat it-talba tiegħu, u li fuq kollox l-appuntament li kellu mal-Aġenzija fit-28 t'Ottubru, 2021 kien verament jikkonċerna dawn il-proċeduri.*

40. *Għaldaqstant ma hemmx dubju li l-konvenut kien negliġenti sabiex jagħmel il-preparazzjonijiet neċessarji, inkluż li jkollu għajnuna legali, sabiex jikkontesta t-talbiet attriċi, skont il-liġi.*

*41. Għal dak li jikkonċerna l-mertu, mill-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li t-talba tal-attriċi għas-sorte ġiet debitament ippruvata skont il-liġi.*

*42. Però fir-rikors promutur, l-attriċi talbet l-imgħax fuq is-sorte mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur. Din it-talba ma tistax tiġi milqugħa, stante li ai termini tal-Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika ta' sejħa għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju, f'dan il-każ ir-rikors promutur, u l-konvenut ġie notifikat bir-rikors promutur fis-17 t'Awwissu, 2021. Għalhekk, fil-każ odjern, l-imgħax għandu jiddekorri minn din id-data.*

***Konklużjoni***

*43. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti:*

*1. tiċħad it-talbiet kollha tal-konvenut fir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2021;*

*2. tilqa' limitatament it-talba tal-attriċi Giselle Borg Olivier u tikkundanna lill-konvenut Jonathan James Borg iħallas lill-attriċi s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf u erba' mitt Euro (€14,400), bl-imgħax mis-17 ta' Awwissu, 2021 – id-data tan-notifika tar-rikors promutur – sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.*

*L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment mar-rikors promutur, għandhom jiġu subiti mill-konvenut.*

## <u>L-Appell</u>

10. Il-konvenut ressaq l-appell tiegħu mis-sentenza appellata fl-4 ta' Jannar, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tgħaddi biex tilqa' dan l-appell filwaqt li tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata, u minflok tgħaddi biex tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skont il-liġi, jew alternattivament tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

11. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaliex dik il-Qorti ma tatux opportunità jressaq id-difiża tiegħu, u għalhekk illediet il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kif ukoll ivvjolat l-artikolu 205(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-appellant għamel riassunt tal-fatti kif jirriżultaw mill-atti proċesswali, u beda billi spjega li fid-29 ta' Marzu, 2021, kienet intbagħtet ittra legali lilu mill-attriċi, fl-indirizz tiegħu ġewwa Ħaż-Żebbuġ, dwar il-kreditu pretiż mill-attriċi. L-attriċi bagħtitlu ittra oħra dwar dan il-kreditu fid-9 t'April, 2021, u din l-ittra wkoll intbagħtet ġewwa l-indirizz tiegħu Ħaż-Żebbuġ, bi tweġiba għal ittra li l-konvenut bagħat lill-attriċi fil-5 t'April, 2021. Il-konvenut żied jgħid li meta l-attriċi intavolat din il-kawża, l-indirizz indikat minnha għan-notifika kien dak ġewwa Ħal Balzan, minkejja li l-attriċi kienet taf li huwa qiegħed joqgħod ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Żied jgħid li fis-17 t'Awwissu, 2021, saret notifika f'idejn ommu, iżda r-riferta relattiva tagħmel riferiment biss għall-avviż tas-smigħ u mhux ukoll għan-notifika tar-rikors promutur. Il-konvenut spjega li l-kawża kienet appuntata għas-27 ta' Ottubru, 2021, u mill-verbal ta' dik l-udjenza jirriżulta li huwa deher mhux assistit, u spjega li f'Settembru kien talab avukat tal-għajnuna legali, li però ma kienx għadu ġie assenjat lilu. L-appellant qal li minkejja dan, u fuq talba tal-avukat difensur tal-attriċi, il-Qorti qieset li l-konvenut kien dam ma talab l-assistenza tal-għajnuna legali, u billi mid-dokument muri mill-konvenut ma kienx jirriżulta ċar għal liema proċeduri l-konvenut għamel dik it-talba, l-Ewwel Qorti ordnat it-tkomplija tas-smigħ tal-kawża kontra l-konvenut. Qal li f'dik l-istess udjenza, l-attriċi ddikjarat li ma kellhiex iżjed provi, u minkejja li l-konvenut wera x-xewqa li jkun assistit minn avukat u ma xtaqx jixhed mingħajr l-assistenza ta' avukat, l-Ewwel Qorti pproċediet billi ddikjarat il-provi tal-konvenut magħluqa, semgħet

is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur tal-attriċi u ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-25 ta' Novembru, 2021. Il-konvenut kompla jgħid li fit-18 ta' Novembru, 2021, huwa ressaq rikors fejn talab lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tissana l-istat ta' kontumaċja tiegħu, sabiex ikun jista' jippreżenta risposta għat-talba avvanzata fil-konfront tiegħu. Flimkien ma' dan ir-rikors, il-konvenut ippreżenta dikjarazzjoni maħlufa mill-ġenituri tiegħu, li kkonfermaw li huwa ma kienx jgħix magħhom, u li kien ilu ma jgħix magħhom madwar tlieta jew erba' snin. Qalu wkoll li safejn jafu huma, ma kinux laqgħu atti ġudizzjarji għan-nom ta' binhom f'Awwissu 2021. Il-konvenut spjega li dan ir-rikors tiegħu kien ikkontestat mill-attriċi, ġie ttrattat waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2021, u l-Ewwel Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza għal dak il-għan, u ħalliet il-kawża għall-15 ta' Diċembru, 2021 sabiex jingħata digriet fuq ir-rikors tal-konvenut, u *occorrendo* anki sentenza fuq il-mertu.

12. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li qabel xejn l-istitut tal-kontumaċja ma jsibx applikazzjoni fil-Qrati Inferjuri, u dan għaliex l-artikolu 158 tal-Kap. 12 japplika biss għall-Qrati Superjuri, mentri l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jippreskrivix li għandha ssir risposta fil-Qrati Inferjuri, u qal li minkejja li l-Ewwel Qorti sabet li huwa ma kienx kontumaċi, din xorta waħda ddeċidiet li huwa kien ittraskura biex iqabbad avukat, u għalhekk kien tilef l-opportunità li jiddefendi ruħhu. L-appellant qal li l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti la hija preċiża u lanqas hija korretta. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 205(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif kien oriġinarjament[1],

[1] "Il-qorti tista' tordna lill-parti li ma tkunx assistita minn avukat biex tqabbad avukat, jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-parti ma tistax tittratta l-kawża kif imiss; u jekk il-parti tonqos li tqabbad avukat, il-qorti taħtar għaldaqshekk wieħed mill-kuraturi ex officio magħżul kif ikun imiss skont l-elenku; jekk il-parti tirrifjuta tagħti lill-avukat hekk maħtur l-informazzjonijiet meħtieġa, il-qorti tista' tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-parti kienet kontumaċi."

u qal li l-parti li tirreferi għall-kontumaċja quddiem il-qrati inferjuri kienet inbidlet bl-emendi fl-1995, fejn il-frażi "bħallikieku l-parti kienet kontumaċi" ġiet sostitwita bil-frażi "wara li tkun semgħet dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun meħtieġa." L-appellant qal li għal żmien twil, quddiem il-Qrati inferjuri ma kienx jeżisti l-kunċett ta' risposta, tant hu hekk li l-liġi riedet li l-eċċezzjonijiet jingħataw b'mod verbali. Żied jgħid li konsegwentement, il-kontumaċja fil-Qrati Inferjuri ma kinitx marbuta man-nuqqas li ssir risposta, iżda mal-assenza tal-konvenut mill-ewwel udjenza tal-kawża. Qal li għalhekk l-istitut tal-kontumaċja jeżisti fil-Qrati inferjuri, u l-istat ta' kontumaċja jiġi inkors biss fejn il-konvenut ma jidhirx fl-udjenza meta tissejjaħ il-kawża.

13. B'riferiment speċifiku għall-każ odjern, l-appellant qal li mkien, u fl-ebda ordni jew digriet li bih l-Ewwel Qorti appuntat din il-kawża għas-smigħ, ma ġie ordnat jew awtorizzat li l-konvenut iressaq risposta, u ma ngħata l-ebda terminu sabiex jagħmel dan. Qal li ladarba l-liġi mkien ma tgħid li l-konvenut f'kawża quddiem il-Qrati inferjuri għandu jressaq risposta, dik ir-risposta tista' titressaq biss jekk tiġi ordnata mill-Qorti. Qal li kuntrarjament għal dan, il-liġi tgħid bl-aktar mod ċar li l-konvenut għandu għoxrin jum min-notifika biex iressaq ir-risposta ġuramentata tiegħu quddiem il-Qrati superjuri, u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li l-Qorti superjuri tagħti ordnijiet lill-konvenut biex iressaq risposta, għaliex hija l-liġi stess li toħloq dan id-dmir. L-appellant kompla jgħid li quddiem Qorti inferjuri, m'hemm l-ebda dmir bħal dak, u għalhekk il-konvenut m'għandu l-ebda dmir jagħmel risposta, u minkejja li l-artikolu 180 tal-Kap. 12 fil-verżjoni oriġinali tiegħu illum m'għadux jeżisti, ma ġiet introdotta l-ebda disposizzjoni oħra minfloku li toħloq dmir naxxenti mil-liġi li ssir risposta f'terminu partikolari, kif inhu l-każ quddiem il-Qrati superjuri. L-appellant qal li għalhekk huwa ma

kellu l-ebda obbligu jressaq risposta, u l-obbligu tiegħu kien biss li jidher għall-udjenza. Sostna li l-kontumaċja teżisti, iżda din hija naxxenti mill-assenza tal-konvenut fl-ewwel dehra tal-kawża, u mhux mal-preżentata *o meno* ta' risposta, li l-liġi ma ssemmi imkien. L-appellant saħaq li ladarba huwa deher għall-udjenza, huwa adempixxa d-dmir tiegħu li jidher fil-ħin u l-lok iffissat mill-Qorti, u għalhekk kull kwistjoni dwar in-notifika jew in-nuqqas tagħha mhijiex rilevanti, għaliex huwa deher, u ladarba deher, ma jistax jitqies li huwa kontumaċi. L-appellant qal li għalhekk l-unika domanda li jifdal hija jekk l-Ewwel Qorti kinitx ġustifikata li tagħlaq il-provi tiegħu fl-ewwel udjenza tal-kawża, kif sar, meta huwa ma kienx assistit. L-appellant qal li l-artikolu 201 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti għandha tmexxi bil-kawża fuq l-atti li jkun hemm wara li tisma' x-xhieda li jidhrilha meħtieġa meta la l-konvenut u lanqas l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu ma jkunu dehru, u huwa evidenti li f'dan il-każ din id-disposizzjoni ma tapplikax, għaliex huwa deher.

14. L-appellant qal li quddiem dawn iċ-ċirkostanzi, ċertament li japplika l-artikolu 205(2) tal-Kap. 12, li jindirizza sitwazzjonijiet fejn konvenut jidher mhux assistit, u din id-disposizzjoni trid li fejn il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ma jistax jittratta l-kawża kif imiss, tordnalu jinkariga avukat, u tagħtih opportunità għalhekk. Jekk il-konvenut jonqos milli jinkariga avukat, il-Qorti taħtar kuratur *ex officio* mill-elenku, u jekk il-konvenut ikompli jistina rasu u ma jagħtix lill-kuratur it-tagħrif meħtieġ biex jassistih kif imiss, tipproċedi xorta waħda bis-smigħ tal-kawża. L-appellant qal li minn dan kollu l-Ewwel Qorti m'għamlet xejn, u jidher li lanqas qieset l-unika konsiderazzjoni li kellha tagħmel, jiġifieri jekk il-konvenut kienx kapaċi jittratta l-kawża hu. Qal li minflok ma għamlet hekk, l-Ewwel Qorti għamlet eżerċizzju sabiex tqis jekk huwa kellux opportunità

biżżejjed biex jinkariga avukat, u meta qieset li huwa kellu opportunità biżżejjed imma kien ittraskuraha, għaddiet biex taqta' l-kawża irrispettivament mill-konsiderazzjoni dwar jekk l-appellant kienx kapaċi jittratta l-kawża hu mingħajr avukat. L-appellant qal li l-artikolu 205(2) tal-Kap. 12 imkien ma joħloq xi kundizzjoni li konvenut li ma jkunx inkariga avukat għal raġunijiet li ma jaħtix għalihom hu, anzi jipprovdi għal sitwazzjoni fejn anke wara li l-Qorti tordnalu jinkariga avukat u jibqa' ma jagħmilx dan, il-Qorti taħtarlu kuratur, la darba tkun waslet għall-konklużjoni li l-konvenut mhuwiex kapaċi jittratta l-każ waħdu. Qal li huwa evidenti li l-Ewwel Qorti fl-ebda ħin ma kkonsidrat jekk il-konvenut kienx kapaċi jittratta l-każ waħdu, u għalhekk dan in-nuqqas jivvizzja s-sentenza appellata b'mod sħiħ.

15. L-appellant qal li l-appellata qegħda tippretendi l-ħlas lura ta' self *brevi manu,* li hija tgħid li kienet għamlet lill-konvenut, fejn l-unika prova li ressqet hija x-xhieda tal-appellata stess, u dokument li allegatament fih il-firma tal-konvenut, iżda li l-appellant jgħid li mhijiex awtentikata, u li huwa qiegħed jikkontesta l-ġenwinità tiegħu. Qal li għalhekk huwa evidenti li t-trattazzjoni tal-kawża kienet tinvolvi aspetti dwar l-awtentikazzjoni ta' skritturi, u l-aqwa prova li l-parti attriċi għandha dmir li tressaq, li jmorru lil hinn mill-kapaċità tal-konvenut, u li kienu jinħtieġu l-inkarigu ta' avukat, speċjalment meta wieħed iqis li s-somma mitluba taqa' fil-limitu tal-kompetenza *rationae valoris* tal-qrati inferjuri. L-appellant qal li minkejja li l-artikolu 215 tal-Kap. 12 irid li l-proċeduri fil-Qrati inferjuri jitmexxew sommarjament, il-liġi stess tgħid li dan għandu jsir safejn huwa kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għalhekk din id-disposizzjoni m'għandhiex tintuża sabiex tiġġustifika dak li sar fl-ewwel

istanza. L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti mxiet b'ċelerità u sommarjetà allarmanti meta wieħed iqis li l-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2021 kienet l-ewwel udjenza tal-kawża, li fiha soltu ma jsiru l-ebda provi, iżda tkun seduta li tintuża sabiex il-kawża tiġi stradata. Qal ukoll li l-prassi hija li jkun hemm differiment għall-provi tal-parti konvenuta wara li l-parti attriċi tkun għalqet il-provi tagħha. L-appellant ikkonkluda s-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan l-aggravju tiegħu billi qal li minn dan kollu ma ġara xejn, u l-Ewwel Qorti mexxiet il-kawża bħallikieku l-kawża kellha tinstema' kollha kemm hi fl-ewwel udjenza, minkejja li huwa deher mhux assistit. Sostna għalhekk li s-sentenza appellata għandha tiġi revokata u l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex din tisma' u taqta' l-kawża, wara li l-konvenut jitħalla jressaq id-difiża tiegħu.

16. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant sostna li l-appellata ma ressqitx provi biżżejjed sabiex tissostanzja t-talbiet tagħha, li fil-fehma tiegħu kellhom jiġu respinti. Qal li kif inhu evidenti mill-Avviż, l-appellata qegħda tippretendi li hija kreditriċi tiegħu fl-ammont ta' €14,400, liema ammont hija tgħid li silfet lill-appellant fuq erba' okkażjonijiet, fuq medda ta' ftit aktar minn sena. L-appellant qal li in sostenn ta' din il-pretensjoni, l-appellata ppreżentat ritratt ta' folja li hija tgħid li turi l-firma tal-appellant, u li tikkonferma l-ammonti mislufin. Fix-xhieda tagħha l-appellata qalet li l-pitazz oriġinali ffirmat mill-konvenut kien ġie nieqes mill-appartament tagħha, iżda ma tagħti l-ebda spjegazzjoni dettaljata dwar dan, dwar jekk hija rrappurtatx dan l-għijbien lill-awtoritajiet. L-appellant għamel riferiment għall-fatt li l-appellata xehdet li l-aħħar ammont li hija sellfet lill-konvenut kien fuq paġna oħra tal-pitazz, iżda hija ħadet ritratt biss tal-ewwel paġna. L-appellant qal li l-appellata naqset milli tispjega għal liema raġuni hija

ħadet biss ritratt tal-ewwel paġna tal-pitazz, u għaliex ħasset il-ħtieġa li tieħu dan ir-ritratt. L-appellant qal li l-appellata kienet tenuta ġġib l-aħjar prova tal-pretensjoni tagħha a tenur tal-artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u f'dan il-każ l-aħjar prova ma tistax titqies li kienet ritratt tal-pitazz mingħajr il-pitazz innifsu. L-appellant qal li l-appellata kienet mistennija li per eżempju tippreżenta kopji tar-rendikonti bankarji tagħha sabiex turi li hija kienet ipprelevat is-somom li tgħid li sellfet lill-appellant fiż-żmien li qalet li silfithomlu. L-appellant qal ukoll li huwa qiegħed jikkontesta l-ġenwinità tal-firem fuq ir-ritratt esebit, u huwa xtaq iressaq kontestazzjoni tagħhom bil- mezzi debiti li tagħtih il-liġi, li kieku ngħata tali opportunità mill-Ewwel Qorti. Qal li għalhekk ma jistax jingħad li l-appellata ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellata fir-risposta tagħha wieġbet li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma. Bdiet billi għamlet sinteżi kronoloġika tal-fatti kif seħħew. Spjegat li l-partijiet saru jafu lil xulxin xi snin ilu, permezz ta' ħu l-appellant, u qalet li hija saret attiva fl-organizzazzjoni *Junior Chamber International – JCI,* fejn l-appellant kien diġà attiv. Qalet li fl-2019, l-appellant ġie mħarrek quddiem il-Qorti Kriminali fuq akkużi relatati ma' frodi finanzjarja, u minħabba f'dawn l-akkużi l-Qorti Kriminali kienet ordnat l-iffriżar tal-assi finanzjarji kollha tal-appellant, kemm dawk miżmuma f'ismu kif ukoll dawk f'idejn terzi, ħlief għall-ammont annwali ta' madwar €13,000 intiż sabiex l-appellant ikun jista' jmantni ruħhu. Qalet li l-appellant kien avviċinaha u talabha tisilfu xi flus, u hi aċċettat, u fl-1 ta' Novembru, 2019 kienet silfitu l-ammont ta'

€5,000 fi flus kontanti. Qalet li sussegwentement hija silfitu tliet ammonti oħra ta' €4,000, €3,200 u €2,200 f'Marzu, Ġunju u Novembru 2020 rispettivament, u minn żmien għal żmien hija kienet tfakkar lill-appellant li kellu jħallasha lura, u minkejja li dan kien iwiegħedha li ser iroddilha l-flus lura, dan baqa' ma għamlux. Qalet li minħabba l-ħbiberija ta' bejniethom, hija ma kinitx tħoss il-ħtieġa li bejniethom isir kuntratt formali ta' self bil-miktub, u kien għalhekk li l-partijiet iddeċidew li għandu jkun hemm pitazz ħalli l-appellant jiffirma fuqu kull darba li jiġi tisilfu xi flus. Qalet li dan il-pitazz ġie nieqes mill-appartament tagħha, u fl-istess żmien ġie nieqes ukoll iċ-*cheque book,* u l-appellant jinsab għaddej proċeduri kriminali dwar in-nuqqas ta' dan iċ-*cheque book* u l-użu tiegħu permezz ta' firma falsifikata. L-appellata qalet li fid-29 ta' Marzu, 2021, hija bagħtet ittra legali lill-appellant, u talbitu jħallasha s-self lura, u r-risposta tal-appellant kienet li hija kellha tibgħatlu kopji tal-*bank transfers* jew il-*cash withdrawals* li kien hemm, sabiex huwa jkun jista' jirrikonċiljahom mar-*records* tiegħu. L-appellata qalet li fid-9 ta' April, 2021, hija bagħtet ittra oħra lill-appellant, fir-residenza tiegħu ġewwa Ħaż-Żebbuġ, fejn reġgħet insistiet li jsir il-ħlas tal-ammont kollu u fil-pront. Kompliet tgħid li fis-26 t'April, 2021, ġie ppreżentat ir-rikors promutur flimkien ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju għall-istess ammont, iżda li r-rikors dam biex ġie appuntat sa Awwissu tal-istess sena. Qalet li mir-*records* uffiċjali tal-Qorti, għandu jirriżulta li l-appellant ġie notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ fis-17 t'Awwissu, 2021, filwaqt li d-data tal-ewwel smigħ ġiet appuntata għas-27 ta' Ottubru, 2021. Qalet li dakinhar dehret hi flimkien mal-avukat tagħha, u deher ukoll l-appellant mhux assistit. L-appellata qalet illi waqt din l-udjenza ma kien hemm l-ebda dubju li l-appellant kien jaf ben tajjeb il-kawża dwar xiex inhi, u meta ġie mistoqsi dwar x'kien fi

ħsiebu jagħmel f'din il-kawża, l-appellant mill-ewwel spjega li wara li rċieva l-atti f'Awwissu, f'Settembru huwa mar ifittex l-għajnuna tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali. Qalet li dan ifisser li l-appellant kien konxju tal-ħtieġa li jfittex avukat qabel id-data tal-kawża sabiex iħejji d-difiża tiegħu. L-appellata spjegat li minkejja dan, fit-18 ta' Novembru, 2021, l-appellant ippreżenta rikors li fih iddikjara li huwa jinsab fi stat ta' kontumaċja, u talab li dan l-istat ta' kontumaċja jiġi ssanat sabiex huwa jkun jista' jippreżenta d-difiża tiegħu. L-appellata qalet li għalhekk sat-18 ta' Novembru, 2021, l-appellant kien jaf bit-talba avvanzata fil-konfront tiegħu, ħaġa li seta' jkun jafha biss jekk kien fil-pussess tar-rikors promutur tal-kawża. Qalet li fl-istess nifs dan ippreżenta *affidavit* ta' ommu li minkejja li l-firma tagħha tidher fuq il-*pink card,* iddikjarat li f'Awwissu 2021 hija qatt ma rċeviet ittri mill-Qorti indirizzati lil binha.

18. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li minkejja li l-appellant jiċċita l-artikoli tal-liġi, ftit li xejn jiġġustifika għalfejn huwa għażel li ma jiddefendix ruħhu fl-ewwel istanza. L-appellata qalet li hija taqbel li l-pern tal-kwistjoni kollha hija jekk il-Qorti tal-ewwel istanza kinitx ġustifikata tagħlaq il-provi tal-appellant fl-ewwel udjenza tal-kawża, kif fil-fatt ġara. L-appellata qalet li l-fatt waħdu li l-Ewwel Qorti għalqet il-provi kollha f'din il-kawża fl-ewwel udjenza, hija ħaġa li mhijiex ipprojbita mil-liġi, anzi hija ħaġa inkoraġġuta. Qalet li l-fatt li hemm tendenza li l-proċeduri quddiem uħud mill-Qrati jimxu b'mod kajman, għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u fil-każ odjern l-Ewwel Qorti kellha raġun li wara li semgħet lill-attriċi appellata, u wara li tat lill-appellant l-opportunità li jixhed, li jagħmel il-kontro-eżami tal-attriċi u li jittratta jew iressaq l-argumenti tiegħu għad-difiża tiegħu stess, u huwa għażel li jirrifjuta kull opportunità, il-Qorti għaddiet għas-sentenza. L-appellata qalet li

l-Ewwel Qorti f'kull stadju waqfet biex tagħti lill-appellant konvenut l-opportunità li jgħid tiegħu, li jagħmel id-domandi u li jittratta, u jekk l-appellant naqas milli jieħu dawn l-opportunitajiet kollha, ma jistax issa jilmenta li l-Ewwel Qorti ma rrispettatx id-dritt tiegħu li jiddefendi ruħhu. Qalet li l-appellant lanqas ma jista' jilmenta li l-Ewwel Qorti ma rrispettatx id-dritt tiegħu li jiddefendi ruħhu, jew jilmenta li minkejja li kellu aktar minn xahrejn minn meta ġie nnotifikat bl-atti sabiex jipprepara d-difiża tiegħu, issa jippretendi li l-Qorti tiskużah għal dan in-nuqqas tiegħu, jew li l-Qorti taċċetta li huwa qiegħed jieħu dawn il-proċeduri bis-serjetà.

19. L-appellata qalet li wieħed ma jistax jaħrab mill-fatt li minkejja li l-appellant huwa midħla sew tal-Qorti, u ilu snin tiela' għal seduta wara oħra, huwa għażel li jpinġi lilu nnifsu bħala 'prinċipjant' meta deher għall-ewwel seduta. L-appellata qalet li l-appellant jaf ben tajjeb kif jaħdmu l-Qrati, u l-proċeduri tal-Qrati mhumiex aljeni għalih. L-appellata saħqet li l-Ewwel Qorti indunat bl-inkonsistenzi tal-appellant, u minkejja li sal-ġurnata li tat is-sentenza ħalliet il-bieb imbexxaq sabiex l-appellant ikun jista' jiġġustifika n-nuqqas ta' difiża tiegħu, dan baqa' jagħti verżjoni inkonsistenti wara oħra, żeffen fin-nofs lill-ġenituri anzjani tiegħu, u pprova jiżvija lill-Qorti.

20. L-appellata qalet li r-raġuni li wasslet lill-Ewwel Qorti biex tagħlaq il-provi kollha f'dan il-każ, kienet l-imġiba, l-azzjonijiet u l-atteġġjament tal-appellant stess, in-nuqqas ta' kredibbilità tiegħu, u azzjonijiet li ġiegħlu lill-Ewwel Qorti tikkonkludi li quddiemha kellha persuna li kienet qegħda tipprova tgħaddiha biż-żmien.

21. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li hija ma xehditx dwar ħafna mill-kwistjonijiet li jissolleva l-appellant, għaliex dawn bħalissa huma suġġetti għal proċeduri kriminali li qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema proċeduri jittrattaw serq ta' *cheque book* mill-appartament tal-appellata, u inċident li seħħ fil-fergħa tal-bank APS ta' Ħ'Attard, meta l-appellant ipprova jsarraf ċekk mal-kaxxiera, liema ċekk kien jidher manomess u kien fih firma falza tal-appellata. L-appellata qalet li hija m'għandha l-ebda problema tixhed dwar il-fatti kollha li għad iridu joħorġu fil-kawża kriminali pendenti, iżda b'sens ta' korrettezza lejn l-appellant, hija għażlet li meta tagħti x-xhieda tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, iżżomm bogħod milli tiżvela ċerti dettalji. L-appellata qalet li hija mhijiex sorpriża li l-appellant qiegħed jipprova jikkontesta l-veraċità o meno tar-ritratt tal-pitazz in kwistjoni, u hija stenniet din il-linja ta' difiża, partikolarment meta fl-ittra tiegħu dan talab li jara kopji tat-trasferimenti bankarji jew tal-flus li nġibdu mill-bank, meta huwa kien jaf li dawn ma jeżistux. Qalet li l-appellant kien konxju li l-prova oriġinali kienet nieqsa, u li huwa kien qiegħed jitlob għal xi ħaġa li kien jaf li ma teżistix, u l-unika ħaġa li ma setax jipprevedi kien li l-appellata laħqet ħadet ritratt tal-imsemmi pitazz. L-appellata qalet li minkejja dan kollu, il-fatti tal-każ huma sempliċi u kienu ristretti għaż-żewġ partijiet infushom. Qalet li mhemmx xi lista twila ta' nies li jistgħu jixhdu dwar dan il-każ, jew ħafna dokumenti x'jiġu esebiti, għaliex il-fatti huma li huma, u l-Ewwel Qorti għażlet li temmen il-verżjoni tal-appellata u tilqa' t-talbiet tagħha. L-appellata temmet tgħid li ladarba m'hemm l-ebda indikazzjoni li d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti kienet ivvizzjata b'xi mod, għandu jsegwi li m'hemm l-ebda raġuni fil-fatt

jew fid-dritt għalfejn id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti għandha tiġi mwarrba, u l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu u għadhom korretti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

22. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji li qed iressaq l-appellant, fid-dawl ta' dak li qieset l-Ewwel Qorti u dak li ddeċiediet, meħuda in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet li qegħda tagħmel l-appellata. Il-mertu tal-kawża jittratta self *brevi manu* li l-appellata tgħid li għamlet lill-appellant, liema self l-appellant naqas milli jħallas lura minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tal-appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[il-mod li bih tmexxiet il-proċedura quddiem l-Ewwel Qorti]*

23. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti ma tatux l-opportunità sabiex iressaq id-difiża tiegħu, u dan wassal biex inkiser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, kif ukoll biex ikun hemm ksur tal-artikolu 205(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Qal li minkejja li ommu laqgħet in-notifika tal-avviż tas-smigħ fis-17 t'Awwissu, 2021, dakinhar tal-appuntament tal-kawża fis-27 ta' Ottubru, 2021 huwa deher mhux assistit. L-appellant staqsa jekk l-Ewwel Qorti kinitx ġustifikata tiddikjara li l-provi tiegħu kienu qegħdin jingħalqu fl-ewwel udjenza tal-kawża, meta dakinhar huwa ma kienx assistit, u qal li l-Ewwel Qorti kellha tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 205(2) tal-Kap. 12, billi fl-ewwel lok kellha tissindaka jekk il-konvenut setax jittratta l-kawża kif imiss, u fin-nuqqas kellha tordnalu jinkariga avukat, b'dan li jekk il-konvenut

jibqa' ma jinkariga lill-ebda avukat, il-Qorti kellha taħtar kuratur *ex officio* hi. L-appellant jikkontendi li huwa biss fejn il-parti konvenuta tonqos milli tikkoopera mal-kuratur, li l-Qorti għandha tgħaddi biex tipproċedi bis-smigħ u bid-determinazzjoni tal-kawża.

24. Il-Qorti qieset dan l-aggravju fil-kuntest tal-mod li bih jirriżulta li tmexxew il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Jirriżulta li sa mill-ewwel udjenza li nżammet quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant ma kienx veritier mal-fatti kif ġraw, partikolarment meta allega li huwa daħal quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaliex b'kumbinazzjoni kien qiegħed fil-bini tal-Qorti għal kawżi oħrajn, u sema' ismu jissejjaħ. Meta deher quddiem il-Maġistrat, l-appellant qal li f'Settembru kien mar l-uffiċċju tal-Għajnuna Legali, iżda l-appuntament li ngħata kien għat-28 ta' Ottubru, 2021, jiġifieri għall-għada tal-ewwel udjenza. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti qieset li din l-allegazzjoni da parti tal-appellant, jiġifieri li huwa mar fl-uffiċċju tal-Għajnuna Legali f'Settembru, mhijiex veritiera għaliex l-uffiċċju tal-Għajnuna Legali talbu jagħti rendikont tal-assi bankarji tiegħu għas-sena li tibda minn Ottubru 2020 sa Ottubru 2021. Ġustament il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kienet li l-appellant talab l-assistenza tal-Għajnuna Legali fix-xahar ta' Ottubru 2021, minkejja li kien ilu notifikat b'dawn il-proċeduri minn Awwissu 2021, u aktarx li meta talab għal din l-assistenza, huwa għamel dan fir-rigward ta' proċeduri oħrajn li kienu għaddejjin fil-konfront tiegħu, u mhux fir-rigward tal-proċeduri odjerni. Fl-ewwel udjenza li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), instemgħu l-provi tal-attriċi appellata, iżda l-konvenut appellant iddikjara li huwa la kellu provi u lanqas sottomissjonijiet x'jagħmel ladarba ma kienx assistit.

25. Fit-18 ta' Novembru, 2021, l-appellant ressaq rikors li fih allega li huwa jinsab fi stat ta' kontumaċja, u wera interess li jikkontesta t-talba avvanzata fil-konfront tiegħu. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha qalet li f'dan ir-rikors il-konvenut ma qalx li huwa kien fil-bini tal-Qorti b'kumbinazzjoni dakinhar li saret l-ewwel udjenza quddiemha. Flimkien ma' dak ir-rikors, l-appellant ippreżenta żewġ *affidavits* tal-ġenituri tiegħu, fejn dawn iddikjaraw li safejn jafu huma, ma kienu laqgħu l-ebda att tal-Qorti li kellu jiġi notifikat lil binhom fix-xahar t'Awwissu 2021. L-Ewwel Qorti ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li fuq il-*pink card* annessa man-notifika, tidher kjarament il-firma u n-numru tal-karta tal-identità ta' omm l-appellant, u għalhekk dak li ddikjaraw il-ġenituri tal-appellant permezz tal-*affidavits* tagħhom, intefa' fid-dubju. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2021, l-appellant deher quddiem l-Ewwel Qorti assistit minn avukat tal-Għajnuna Legali, u dakinhar il-Qorti ordnatlu sabiex permezz ta' nota li kellha tigi ppreżentata sat-2 ta' Diċembru, 2021, dan jindika d-disposizzjoni tal-liġi li taħtha qiegħed jitlob lill-Qorti tissana l-istat ta' kontumaċja tiegħu. Minkejja dan, l-appellant naqas milli jippreżenta nota bħal din, u għalhekk il-Qorti għaddiet għad-deċiżjoni tagħha kemm fuq ir-rikors tal-appellant tat-18 ta' Novembru, 2021, kif ukoll dwar il-mertu.

26. Il-Qorti tqis li ladarba l-appellant ippreżenta rikors fit-18 ta' Novembru, 2021 iffirmat mill-avukat tal-Għajnuna Legali, kif ukoll deher għall-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2021, assistit minn avukat, l-argumentazzjoni kollha tiegħu li huwa ma ngħatax smigħ xieraq, u li l-proċedura stabbilita fl-artikolu 205(2) tal-Kap. 12 ma ġietx esegwita, taqa' għaliex jirriżulta li filwaqt li l-appellant ma kienx kontumaċi, u deher għall-ewwel udjenza mhux assistit, id-drabi ta' wara huwa kien assistit mill-avukat tal-Għajnuna Legali. Jirriżulta li fl-udjenza tas-27 ta'

Ottubru, 2021, wara li l-Ewwel Qorti staqsiet lill-appellant jekk huwa xtaqx iressaq provi jew jagħmel sottomissjonijiet, u dan irrisponda fin-negattiv għaliex ma kienx assistit, fl-udjenza ta' wara l-appellant kien assistit, u għalhekk ma kienx hemm lok fejn il-Qorti taħtar kuratur *ex officio.* Jirriżulta wkoll li waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2021, il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-appellant. Għaldaqstant ċertament li ma jirriżultawx l-estremi li qiegħed ipinġi l-appellant sabiex jingħad li huwa ma ngħatax smigħ xieraq, jew li d-deċiżjoni ngħatat minkejja li huwa ma kienx debitament assistit, għaliex dak kollu li ngħad mill-appellant anki fir-rikors tal-appell tiegħu, ma jirriżultax. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, għaliex dak li qiegħed jilmenta minnu ma jirriżultax ippruvat.

*It-tieni aggravju:* *[il-kwalità tal-provi]*

27. L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tkun sodisfatta bil-kwalità tal-provi miġjuba mill-appellata, li huwa jgħid li mhumiex l-aqwa provi li din setgħet iġġib, u dan għaliex il-provi tal-appellata kienu jikkonsistu biss fix-xhieda tagħha u f'ritratt ta' pitazz li fuqu tidher il-firma tiegħu, u tlieta miċ-ċifri li l-appellata tgħid li sellfitu. Jgħid li  l-Ewwel Qorti ma kellhiex tkun sodisfatta bil-provi miġjuba mill-appellata, u ma kellhiex tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tagħha.

28. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija waħda dettaljata u mmotivata, fejn ingħataw raġunijiet għaliex il-Qorti qieset is-sottomissjonijiet tal-appellata bħala veritiera, u għaddiet biex tilqa' t-talbiet tagħha. Jirriżulta wkoll li l-appellant qiegħed jinsisti fuq provi li jew jaf li ma jeżistux, jew inkella

jaf li l-appellata għandha problemi biex tintraċċahom, partikolarment fir-rigward tal-pitazz li fuqu tniżżlu ċ-ċifri mislufa lilu, li l-appellata tgħid li għeb mill-appartament tagħha. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant jinsisti għal aktar dettalji dwar l-għajbien ta' dan il-pitazz, meta huwa jaf li flimkien mal-pitazz għeb ukoll iċ-*cheque book* tal-appellata*,* u li hemm proċeduri kriminali għaddejjin fil-konfront tiegħu għaliex allegatament ippreżenta ċekk manomess f'fergħa bankarja sabiex ikun jista' jsarraf ċekk maħruġ minn dan iċ-*cheque book,* li b'kumbinazzjoni għeb fl-istess żmien li għeb il-pitazz bid-dettalji tas-self. L-appellant qiegħed jitfa' dubju dwar il-kredibbilità u l-ġenwinità tar-ritratti esebiti mill-appellata, sabiex jipprova jargumenta li huwa qatt ma ffirma għal dak is-self. Iżda f'dan il-każ, l-aqwa prova li għandha l-Qorti huwa proprju r-ritratt esebit mill-appellata, ladarba d-dokument oriġinali għeb, u ladarba ma kien hemm l-ebda xhieda li setgħu jitfgħu dawl fuq is-self li allegatament sar mill-appellata lill-appellant. Ċertament li l-appellata m'għandhiex tiġi kkastigata għall-fatt li l-pitazz li fuqu kien dokumentat dan is-self, għeb mill-appartament tagħha, mhux meta jirriżulta li l-appellant innifsu għaddej proprju bi proċeduri kriminali dwar l-għajbien ta' *cheque book* li sparixxa mill-appartament tal-appellata fl-istess żmien. Din il-Qorti hija sodisfatta li l-Ewwel Qorti qieset sew il-kompartament tax-xhieda u dak li kellhom xi jgħidu quddiemha, u qieset li l-verżjoni mogħtija mill-appellata għandha titwemmen. Din il-Qorti qieset mill-ġdid l-atti kollha u l-provi kollha prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, u ma sabet xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li qegħda tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**